MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 19/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta 1 ta' Lulju 2014 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | | Sur Lino Bartolo |
| | Skużat | Dr Alex Sciberras |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Maurice Agius |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat it-Tlieta 24 ta' Gunju, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 18/K7/2014
2. Materji mill-Minuti
3. Korrispondenza

4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
6. Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru
7. Gimgha Msida 2014
8. Affarijiet oħra jekk urġenti
9. Aġġornament

**Seduta Numru 19/14**

900 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

901 Preżenti fil-laqgħa kien hemm is-Sinjurina Martina Mamo li ġiet approvata bħala l-ambaxxatriċi l-ġdida tal-Vot 16. Is-Sindku laqgħetha u ntroduċieta mal-Kunsilliera preżenti.

**1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 18/K7/2014.**

902 Is-Sur Selvaggi qal li hu saqsa fuq il-parkeġġi ta' Sant Andirja u li dan kellu jitniżżel fil-minuti. Din il-materja ser tiżdied fis-sezzjoni ta' Affarijiet Oħra jekk urġenti.

903 Materja 838: Il-kliem 'Is-Segretarju Eżekuttiv' għandhom jitneħħew. Inġibdet l-attenzjoni li s-Sur Matthew Agius kien talab, sena ilu, li jinħatar Working Group biex jgħati l-proposti fuq ir-regolamenti u l-proċedura ta' Mertu Msida. Din ser tiżdied ma' din il-materja. Is-Sindku qalet pero' li kull kunsillier ġie mistieden jagħti l-opinjoni tiegħu f' Awwissu tat-2013.

904 Materja 870: Is-Sur Lino Bartolo qal li huwa kien qal li l-Medalja tingħata lill-Kunsilliera minħabba ix-xogħol volontarju li jkunu għamlu matul is-snin li huma jkunu servew fil-Kunsill.

905 Il-Kunsill approva l-minuti tat-18-il-laqgħa.

**2 Materji mill-Minuti**

906 Materja 833: Is-Sur Selvaggi saqsa fuq il-lights tal-HSBC u anke fuq iz-Zebra Crossing ta' Triq il-Wied ta' L-Imsida. Huwa ġie informat li fir-rigward tal-lights kien diġa nħareġ it-Tender biex jibda l-proġett li ser isir mit-TM pero' il-Kunsill ma ġiex informat f'liema stadju waslu. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill kien talab biex ix-xogħol ma jsirx fiż-żmien il-Festa. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li wara li s-Segretarju talbet laqgħa mas-Sur Piscopo (Ċermen TM) intalbu jiltaqgħu mal-Perit Edric Micallef li huwa 'liason'

għall-Kunsilli Lokali fi ħdan it-TM. Is-Segretarju qalet li fuq iz-Zebra Crossing għad ma hemmx risposta l- anqas. Is-Sur Lino Bartolo wera l-preokkupazzjoni fuq il-bankina li ser issir bejn il-Monument u l-ġnien u qal li din ġa toħloq problema jekk it-traffiku jibqa jiġi ddevjat minn ħdejn il-Monument fil-Festa. Sar qbil li tinġibed l-attenzjoni tat-TM fuq din il-materja.

907 Materja 835: Is-Sur Selvaggi saqsa fuq is-Servizz tal-Pulizija Pajżana fil-lokal. Is-Sindku qalet li mhux suppost li hemm problemi pero' s-Supretendent kienet qed tieħu ħsieb din il-materja u jista jkun, minħabba l-ħafna mpenji li ngħatawla wara li l-Ispettur Millo ħareġ bil-'long leave', ma kelliex ċans tiffoka u tiffinalizza din il-materja. Is-Sindku qalet li wara l-Festa nkellmuha fuq din il-materja biex tibda ssir.

908 Issemmiet il-problema tal-karozzi abbandunati fi Triq L-Irmiġġ u anke l-karozzi ta' l-AVIS u l-kummenti li saru mir-resident fuq Facebook. Is-Sindku u s-Segretarja spjegaw li kienu tkellmu mal-Pulizija diversi drabi, u li s-Supretendent kienet anke kellmet lill-isprayer minħabba l-karozzi. Is-Sindku qalet li xi karozzi tneħħew u li oħrajn ser jgħaddu t-tmin tijiem żmien biex jinġarru u li s-Sur Joe Demarco kellu jieħu ħsieb jikkordina mal-kuntrattur biex dawn jinġarru minnufih.

909 Materja 836: Is-Segretarju informat lill-Kunsill li s-Sur Galea (DLG) informaha li jista jkun ma jkunx hemmx bżonn Expression of Interest minħabba li operaturi f'dan is-settur hemm tnejn biss. Hi qed tistenna li jibgħatilha dan bil-miktub. Is-Sindku qalet li f'dan il-każ tissejjaħ laqgħa ma' l-operaturi, fejn ikun hemm preżenti s-Sur Maurice Agius, biex il-Kunsill jiddeċiedi fuq min ser ikompli bis-servizz.

910 Materja 845: Is-Sur Selvaggi saqsa fuq il-progett ta' Censu Farrugia u ġie nformat li l-MEPA bagħtu korrespondenza biex issir Survey fiż-żona (PC Application). Is-Sindku qed tistenna risposta mingħand il-Perit jekk is-survey hemmx bżonnu jew le biex fil-każ isir il-ħlas dovut.

911 Materja 851: Is-Sur Selvaggi saqsa jekk kienx hemm xi risposta fuq tar-Residential Parking Scheme u qal li hemm bżonn il-Kunsill jieħu azzjoni u talab li ssir stqarrija. Is-Sindku qalet li l-aħjar nħallu ftit ħin biex naraw nirċivux rispsosta u imbagħad il-Kunsill jibbaża l-azzjoni li jieħu fuq din ir-risposta. Is-Sur Selvaggi, u l-Kunsilliera l-oħra ġew informati li l-Hon Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo talab biex iżur il-Kunsill ta' L-Imsida fis-17 ta' Lulju fit-8.30am biex issir laqgħa mal-Kunsill. Intqal li din il-materja tista tiġi diskussa dak in-nhar ukoll.

912 Materja 853: Is-Segretarju qalet li qed tistenna risposta mill-Perit minħabba t-talba li saret mis-Sur Matthew Agius li waħda mill-karreġġjati ta' Triq San Alwiġi ssir Priority Lane.

913 Materja 867: Is-Sindku kkonfermat li l-membri tal-Bord tal-Ġieħ Mertu Msida huma dawk imsemmija f'din il-materja. Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li n-nomini jridu jidħlu sa' 12pm tal-Gimgħa 4 ta' Lulju biex fil-5pm issir il-laqgħa tal-Bord.

914 Materja 892: Is-Sna Galea saqsiet jekk is-siġar ta' Triq il-Wied inżabrux u ġiet informata li dawn saru. Is-Sur Bartolo li hemm bżonn li ssir talba lill-Monitoring Board biex dawn jitbaxxaw billi jinqatalhom il-weraq minn fuq għax saru goffi wisq.

915 Materja 893: Is-Sna Galea saqsiet fuq it-tindif ta' ħdejn il-ġibjun. Is-Sindku qalet li dik iż-żona jieħu ħsiebha l-Gvern Ċentrali u għalhekk hi kienet qed titkellem mad-Direttur tal-Cleansing biex dan isir. Hi qalet li ser tiċċekja jekk sarx.

916 Materja 896: Is-Sur Selvaggi qal li minħabba dawk id-double yellow lines fi Triq Mons Innoċenż Żammit hu u s-Sur Brincat għadhom iridu jiltaqgħu fuq il-post. Hu talab biex is-Segretarju tiċċekja jekk hemmx permess mit-TM fuqhom.

917 Materja 898: Is-Sur Abela Wadge saqsa jekk kienetx saret it-Triq One Way u s-Segretarju spjegat li hi għadha trid tiddiskutiha mal-KAS f'diskussjoni dwar it-traffic Management tas-Swatar. Hu qal li saqsa minħabba li Triq it-Torri (il-biċċa ta' fuq) hemm it-tabelli tal-One Way. Il-Kunsill ġie informat li hemm kuntrattur jaħdem fiż-żona li biddel it-tabelli mingħajr permess u li s-Sur Louis Dimech kien irranġahom. Is-Segretarju qalet li ser terġa tibgħat il-ħaddiema jiċċekjaw għada u jekk jerġgħu jkunu mdawrin ser isir rapport lill-Pulizija.

## 3 Korrispondenza

918 41/0669: Is-Sur Bartolo saqsa fuq korrespondenza li hemm minn Manuel Brincat fuq Triq Dun Kalcidon Schembri u ġie informat li s-Sur Brincat talab xi informazzjoni. Hu qal li ħaseb li seta kien hemm xi żviluppi pero' s-Segretarju nformatu li l-Periti qed jistennew risposta mill-Kunsill rigward is-siġar. Is-Sindku qalet li kienet qed tikkunsidra li ċċaqlaq il-BIS fil-parking area li ser tinħoloq pero qalet li minħabba li dejjem qed jitjieb is-servizz mid-djar (ġbir ta' materjal riċiklat, ġbir ta' ħġieġ u anke il-quddiem ġbir ta' ħwejjeġ) qed taħseb jekk għandhomx jitneħħew il-BIS minħabba li ħafna residenti jużawhom bħala 'dumping zone' u r-residenti tal-madwar qed ikollhom dan il-ħmieġ ħdejn id-djar tagħhom b'mod regolari.

919 41/0696 u 41/0707: Is-Segretarju informat lill-Kunsill li l-Perit Stafrace kiteb lill-Kunsill dwar karozzi li qed jiġu pparkjati ħdejn 'sprayer' fi Triq L-Irmiġġ. Hi nformat lill-Kunsill kif hi u s-Sindku kienu diġa tkellmu fuq din is-sitwazzjoni mas-Supretendent tal-Pulizija u li hi kienet tkellmet ma l-istess sprayer. Qalet li l-karozzi li hemm abbandunati (bil-liċenzja skaduta) twaħlitilhom karta biex jibda l-proċess ta' irmonk. Pero' dawn li huma pparkjati fiż-żona u għandhom lienzja mħallsa għandhom kull dritt li jipparkjaw u la l-Kunsill u lanqas il-Pulizija ma jkunu jistgħu jneħħuhom.

920 Is-Segretarju tal-Kumitat tas-Sajd bagħat imejl fejn talab li jsir arblu fil-Gnien ta' quddiem il-Knisja biex jkunu jistgħu jagħmlu CCTV kamera li tgħati għal fuq il-pontun. Intqal li jixtiequ jagħmlu sistema ta' 6 kameras. Ma kienx hemm oġġezzjoni li jsiru l-kameras pero' il-Kunsill ma qabilx li jsir l-arblu minħabba li l-wajr jista jkun ta' oktaklu għal-krejns, jew Hop On Hop Off Buses. Is-Sur Abela Wadge ssuġġerixxa li jagħmlu sistema ta' WiFi għal cameras, u s-Sindku qalet li forsi tal-MCA jkun jista jiġi amplifikat biex ikun jista jintuża mill-ġnien. Is-Sur Brincat qal li hu kkonfermalhom li dawl (biex titħaddem il-kamera) tista tittiħed mill-Kunsill (pump room tal-ġnien). Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-Sur Brincat qal li ser jissetja laqgħa magħhom biex jara xi jridu eżatt. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien talab dettalji tal-membri tal-Kumitat tas-Sajd u li dan għadhom ma ngħatawx. Is-Sur Brincat qal li hu ha jinformahom biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom mal-Kunsill fuq din il-materja.

921 41/0690: Is-Segretarju resqet Skema minn DLG għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dan biex isir Internet bi speed biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu Streamed il-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

922 41/686: Is-Sindku informat lill-Kunsill li saret laqgħa maċ-Ċermen tal-Valletta 2018, Jason Micallef, u l-Project Co-Ordinator Karsten Xuereb mas-Sindku tar-Reġjun Ċentru. F'din il-laqgħa huma talbu biex isiru attivitajjiet kulturali li jmorru ultre mit-tip ta' attivitajjiet li qed jiġu organizzati għal-Guinness World Book of Records. Il-Kunsill għandu jaħseb f'xi idejat li jistgħu jiġu proposti anke flimkien ma' Kunsilli fil-viċinanzi ta' L-Imsida.

923 Is-Sur Selvaggi saqsa jekk il-Kunsill qedx jagħmel pressjoni fuq l-Awtorita Marittima fuq il-passaġġ bejn il-Ġnien Misraħ San Gużepp u l-Ġnien ta' wara. Is-Sindku qalet li din il-materja saret responsabbilita tat-TM u li hi kienet kitbet diversi drabi fuqu. Hi qalet li ser tkompli tagħmel pressjoni.

924 Il-Kunsill irċieva talba mill-Kumitat tal-Banda biex il-Kunsill minflok jikkolabora mal-Każin fl-attivita tat-13 ta' Lulju (li mhix ser issir din is-sena minħabba l-World Cup) jgħinu fl-attivita' ta' Sit Down Dinner u l-Kunċert li ser issiru nhar il-15 u 16 ta' Lulju fil-Ġnien ta' quddiem il-Knisja. Is-Sindku qalet li s-soltu l-Kunsill ikopri l-ispejjeż tas-siġġijiet u tas-sistema tas-

Sound. Is-Sur Brincat qal li għandna naraw kemm nfaqna fis-snin li għaddew u nżommu ma' dan l-ammont. Il-Kunsill qabel.

925 41/0755: Il-Kunsill irċieva talba mingħand l-klabb tal-Ħammiem biex itellgħu attivita' il-Ħamis 17 ta' Lulju quddiem il-klabb. Is-Segretarju informat lill-Kunsill li l-Pulizija kellhom jagħtu risposta lill-Kunsill jekk għandhomx joħorġu permessi jew le minħabba li ma jidirx li hemm permess ta' klabb fl-indirizz li qed jopera minnu l-klabb tal-Ħammiem. Il-Klabb għandu jiġi nformat li l-Kunsill ikun irid in-'no objection' tal-Pulizija qabel joħroġ xi permess.

**4 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.**

926 Il-pagamenti ġew approvati pero s-Segretarju kellha tikkonferma d-deskrizzjoni ta' pagamenti 65-72 għax jidher li kien hemm xi repetizzjoni biż-żball.

**5 Kumitat Amministrattiv Swatar**

927 Il-Kunsill ġie informat li l-ewwel laqgħa tal-KAS ser issir nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju u ser jinħatar ċ-Chairperson il-ġdid waqt din il-laqgħa.

**6 Kommunikazzjoni mill-laqgħat li saru**

928 Laqgħa ma' rapreżentant tal-Vivien Commercials: Waqt din il-laqgħa s-Sur Stephen Mercieca (Manager Logistics) spjega li bħala kumpanija jiddejqu jikkawżaw inkonvenjent fuq ir-Residenti, u li jagħmlu minn kollox biex dan jiġi minimizzat. Qal li dejjem qed ikun hemm warden meta jinħat il-‘container’ u talab ukoll li ssir Loading/Unloading Bay. Waqt il-laqgħa s-Sindku u s-Segretarju qalu li jekk issir Loading/Unloading aktar isir parkeġġ fiż-żona (preżentament hemm double yellow lines) u jafu jinħolqu problemi iżjed, speċjalment meta it-TM qed jitolbu li dik iż-żona tinżamm ‘clear’.

929 Laqgħa mas-Supretendent Mamo fuq il-Festa: Is-Segretarju u s-Sindku, flimkien ma’ l-għaqdiet ta’ L-Imsida attendew laqgħa fuq il-Festa ta’ L-Imsida fejn is-Supretendent ħadet nota ta’ l-attivitajjiet u l-permessi li hemm bżonn mill-Pulizija. Minn naħa tal-Kunsill din ġiet informata li ser jingħataw lista tal-permessi u site plan biex jekk jaraw li hemm xi ħadd qed jarma mingħajr permess ikunu jistgħu jieħdu l-passi neċessarji.

## 7 Ġimgħa Msida 2014

930 Il-Kunsilliera ingħataw informazzjoni fuq il-programm ta' attivitajjiet għall-Gimgħa L-Imsida 2014:

| | |
|---|---|
| It-Tnejn 7 ta' Lulju | Il-Kunsilliera jżuru l-Anzjani Misidjani fid-Dar ta' l-Anzjani tal-Gvern fl-Imsida |
| It-Tlieta 8 ta' Lulju | ĦARĠA GĦALL-ANZJANI:<br>Quddiesa fil-Knisja tal-Manikata u wara ikla f'Angelo Restaurant San Pawl il-Baħar. Biljetti mill-Kunsill Lokali. |
| L-Erbgħa 9 ta' Lulju | ĦARĠA GĦAT TFAL:<br>Żjara lill-Akkwarju Nazzjonali u l-Water Park ta' Buġibba. Biljetti mill-Kunsill Lokali.<br>Fis-7.30pm, fuq il-Bejt tal-Kunsill Lokali ser titella Serata Divertenti ta' Kant u Ċajt mill-Għaqda Ilħna Ferrieħa. Biljetti mill-Kunsill Lokali. |
| Il-Ħamis 10 ta' Lulju | Fis-7.00pm: Dawra fin-nofsinhar ta' Malta bil-'Hop On Hop Off' (tluq minn ħdejn il-Knisja). Biljetti mill-Kunsill Lokali. |
| Il-Ġimgħa 11 ta' Lulju | Fis-6.30pm Quddiesa Konċelebrata fl-okkazzjoni ta' Jum L-Imsida.<br>Fis-7.00pm - Attivita' tal-Għaqda Ġostra<br>Fis-7.30pm Serata u għoti tal-Medalja Mertu Msida |
| Is-Sibt 12 ta' Lulju | Fis-7pm - Attivita' tal-Għaqda Ġostra |
| Il-Ħadd 13 ta' Lulju | 9.00am – Wirja ta' Karozzi Ford fejn il-Monument tal-Ħaddiem imtella minn Classic Ford Malta Club<br>10.30am- Tberik ta' L-Annimali fuq iz-zuntier tal-Knisja<br>Fis-7.00pm - Attivita' tal-Għaqda Ġostra |

## 8 Affarijiet Oħra jekk Urġenti

931 Is-Sur Bartolo talab informazzjoni fuq l-użu tal-bini ta' ħdejn l-iskola primarja u s-Sindku nformatu li kienet ġiet informata li ser jintuża bħala Adult Training Centre għan-nies b'diżabilita'.

932 Is-Segretarju informat lill-Kunsill li intalbet toħroġ permess ta' Moving Hawker waqt il-jiem tal-Festi. Qalet li Kunsilli oħra joħroġu permessi simili.

Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-Kunsill pero' sar qbil li ma jarmax fit-toroq tal-purċissjoni.

933 Is-Segretarju informat lill-Kunsill li ġiet mitluba tattendi meeting l-Enemalta minħabba l-Earth Electrodes li jridu jsiru biex il-gabbani li jintremew fi żmien il-Festa jkunu 'Earthed'. Sar qbil li l-Kunsill ser jieħu ħsieb jagħmel din is-sistema u imbad jiġbor l-ispejjeż mingħand min juża l-Earth Electrode.

934 Is-Sindku pproponiet li jinbidel l-Isem tal-Gnien ta' quddiem il-Knisja u sar qbil li dan jissemma Misraħ San Ġużepp. Is-Segretarju ser tinform lill-Kumitat ta' l-ismijiet tat-Toroq.

935 IS-Sur Selvaggi qal li l-Kunsilliera qed jirċievu diversi ilmenti ta' residenti barranin li qed jagregaw f'xi żoni fl-Imsida u qed ikunu ta' inkonvenjent lir-residenti li jgħix fl-area. Qal li s-supermarket ta' Triq Bishop Caruana reġa qed idum miftuh, u fi Triq Victor Denaro qed ikun hem mil-barranin jixorbu fuq il-bankijiet u fuq il-bankina. Affarijiet simili qed isiru fi Triq Antonio Bosio. Is-Sur Selvaggi talab li l-Kunsill jitkellem ma' l-avukat, mas-Supretendent, eċċ biex jkunu ċerti li m'hemmx xi klawżola fil-liġI lit kun tista tgħin biex dawn it-tip ta' attivitajjiet jiġu evitati.

936 Is-Sur Abela Wadge qal li kien hemm xi ħmieġ fi Triq il-Ħriereb u ġie informat li dan ġie mgħotti bir-ramel.

937 Is-Sur Abela Wadge qal li fi Triq C de Brockdorf hemm art (tal-Wembley) fejn qed jintefa l-iskart. Qal li hemm raġel ingliż (Paul Oakley) li lest li jagħmel kamera u jħallas id-dawl hu. Is-Sur Abela Wadge intalab jipprovdi d-dettalji tiegħu.

938 Is-Sur Abela Wadge qal li l-Kunsill kien approva li ssir Sleeping Police f' Saw Mill Street. Is-Segretarju nformatu li ordnata.

939 Is-Sindku qalet li f'Awwissu hemm il-pjan li jiġu organizzati xi attivitajjiet fil-ġnien. Il-Kunsilliera talbu li jiġu avżati bl-attivitajjiet li jkun hemm. Is-Sur Abela Wadge qal li importanti li l-Kunsill jinvolvi l-għaqdiet u li ninformaw l-Miedja.

940 Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bżonn jergħu jinxtraw il-ħbula għax ta' l-arbli ta' fuq l-irdum insterqu. Il-Kunsill approva.

**9 Aġġornament**

942 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-19:59.

Approvati llum ____________________

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Marita Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |